MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2010

Appell Civili Numru. 22/2009

**James Griffiths u Connie Griffiths Bianchi**

**vs**

**Horizon 2000 Computer Systems**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta’ Ottubru, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta’ l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-1 ta' Dicembru, 2008 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tmien mija, tnejn u disghin ewro (€892) rapprezentanti prezz ta' 'computer' illi kien difettuz u inkluz il-hlas li sar sabiex jigi rrangat l-istess 'computer'.

L-intimat ipprezenta risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tar-rapprezentant tad-ditta intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew illi f'Mejju 2008 huma xtraw 'computer' minghand id-ditta intimata ghall-prezz ta' tmien mija, tnejn u sittin ewro (€862) bl-ispecifikazzjonijiet hekk kif indikati bil-miktub fuq l-'invoice' datata '15th May 2008'.

Ir-rikorrenti ssottomettew illi ftit jiem wara li nxtara dan il-'computer' beda jehel/jimblokka (spyware) u sabu illi xi specifikazzjonijiet fil-'computer' kienu differenti minn dawk ordnati. Fost dawn id-differenzi kien hemm:-

1. l-'ispeakers' li nghataw mal-'computer' ma kienux jahdmu;

2. il-'video card' hija integrata mal-'mainboard' u dan il-fatt mhuwiex imsemmi fl-'invoice' relattiva. Dan jisslowja l-'performance' tal-'mainboard';

3. ma nghataw ebda 'CD discs' tal-'mainboard';

4. ma nghataw ebda 'Windows CD'.

Finalment ir-rikorrenti ssottometta illi fil-31 ta' Mejju, 2008 l-intimat ipprova jerga jifformattja l-computer izda dan xorta wahda baqa' jehel.

L-intimat issottometta illi:-

1. in kwantu ghall-'ispyware' ma tista' tigi attribwita ebda htija lill-intimat billi l-'ispyware' huwa r-rizultat ta' 'virus' li gie mill-uzu hazin da parte tar-rikorrenti ta' l-istess 'computer'.

2. in kwantu ghall-'ispecifications' kollox gie konsenjat lir-rikorrenti skond l-'ispecifications';

3. in kwantu ghall-'ispeakers' dawn gew konsenjati f'kundizzjoni gdida u kienu jahdmu fil-mument tal-konsenja;

4. in kwantu ghall-'video card', fl-ispecifications dan huwa kkonsenjat integrat;

5. in kwantu ghas-'C.D. disc', gew konsenjati u fil-fatt jirrizulta mill-'ispecifications';

6. in kwantu ghall-'windows CD' din hija integrata skond l-'ispecifications';

7. il-'formatting' kien mehtieg minhabba l-infezzjoni ta' 'virus' rizultanti mill-uzu hazin tal-pc.

**It-Tribunal jinnota illi :-**

Ir-rikorrenti xtraw 'computer' fil-15 ta' Mejju 2008 u wara ftit granet dan il-'computer' kellu xi hsarat. Allegatament dan il-'computer' kien fih hafna nuqqasijiet u ma kienx skond l-'ispecifications' deskritti fuq l-'invoice' datata 15 ta' Mejju 2008.

Billi l-intimat ikkontenda illi kollox kien skond l-'ispecifications' kif miktuba fuq l-'invoice' datata 15 ta' Mejju, 2008 u mghotija lir-rikorrenti, u billi l-kwistjoni hija wahda purament teknika li tirrigwarda tgharif specjalizzat fuq il-materja, it-Tribunal ser jillimita d-decizjoni tieghu fuq ir-rapport tal-espert tekniku indipendenti li gie nkarigat mit-Tribunal sabiex ihejji rapport dwar lis-'specifications' tal-'computer' kif ukoll illi jara x'inhuma l-hsarat fl-istess 'computer'.

It-Tribunal jinnota illi l-espert tekniku ikkonkluda illi:-

1. il-'computer' m'huwiex ta' ghamla wahda partikolari izda fil-fehma tieghu l-'computer' gie mibni mill-intimat u ghalhekk hemm 'sticker' taghhom fuq quddiem li tindika lilha bhala ditta;

2. fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti li ma nghata l-ebda 'Windows CD', l-espert tekniku nghata xi CD's u 'floppy disk' illi l-ebda wahda minn dawn-is-CD's jew 'floppy disk' ma huma 'Windows CD' (la originali u lanqas kopja);

3. taht it-titolu 'Software Installed' isemmi lil 'Windows XP'. Issa f’kaz meta 'computer' jinbiegh ma' 'pre-installed Windows' dan ghandu jkollu 'Certificate of Authenticity' imwahhal mieghu, li infatti fuqu jkollu l-'product key' (numru ta' hamsa u ghoxrin karattru). Huwa jkollu l-'product key', li ghandu jaqbel ma' CD-ROM li ghandu jigi mghoti lill-konsumatur. F'dan il-kaz jidher car li fuq il-'computer' in kwistjoni ma hemm ebda 'Certificate of Authenticity'. Apparti minn hekk jidher car ukoll li c-CD's li allegatament gew mghoddija lill-espert mill-intimat m'humiex is-CD-ROM li jinghata lill-konsumatur meta jixtri 'computer' b’Windows pre-installed'. Dan jista' jigi konfermat ukoll mill-web site tal-Microsoft stess fejn jghid:-

*Genuine OEM Windows desktop operating system software is designed exclusively for computer manufacturers to pre-install on their computers. Genuine OEM software always comes with a Certificate of Authenticity (the IEM COA is different from an orange retail proof of license label) and a manual or Quick Start guide. Some major manufacturers provide an OEM disc for re-installing programs, while smaller manufacturers are required to provide a Microsoft Windows edge-to-edge hologram disc. OEM software cannot be*

*downloaded and may not be unbundled or re-bundled from sources other than the OEM selling you the computer. Visit our Counterfeit Gallery for more information. To help determine whether the copy of Windows installed on your computer is genuine, visit* http://www.microsoft.com/genuine.

4. jirrizulta illi fil-fatt il-'video card' huwa 'on board' ossia tifforma parti mill-'mother board'. Hemm diversi 'mother boards' li jkollhom mhux biss 'video card on board' izda anke 'sound card'. Il-fatt li huwa 'on board' ma huwiex difett izda certament hemm differenza bejn Video card apparti u wiehed 'on board fejn hafna drabi b' 'video card' apparti possibilment il-'computer' jghaggel aktar (flimkien ma’ hafna fatturi ohra) u ghalkemm, fost diversi ragunijiet ohra, huwa ahjar. L-'invoice' mghotija lir-rikorrenti ssemmi 'Video Card 3D graphic accelerator' izda ma' jsemmix li huwa 'on board';

5. illi wiehed mis-CD's li gie moghti lill-espert tekniku minghand ir-rikorrenti huwa CD-ROM tad-ditta 'ASRock' li fih id-'drivers' ghal 'motherboard'. Jidher li fil-fatt dan huwa s-CD tal-'mainboard' u dan kif jidher mill-istess 'main board'.

6. illi l-'ispeakers' gew ezaminati individwalment u rrizulta li dawn kollha jahdmu. Wiehed minnhom, ossia dak li ghandu l-'phono' griz ghandu 'loose contact' fil-wire izda l-'ispeaker' jahdem. Dan ma 'jfissirx' li l-'ispeakers' jahdmu mal-'computer' ghaliex possibilment hemm xi problema minhabba s-'sound card' tal-'computer' jew is-'settings' li ghandu x'jaqsam mieghu;

7. illi l-'invoice' mghotija lir-rikorrenti tindika illi l-UPS bhala 'UPS 800VA' bhala mudell izda mill-istess UPS jidher li fil-fatt il-UPS huwa '650';

8. illi meta l-espert tekniku pprova jixghel il-'computer' in kwistjoni dan ma 'bbutjatx' u dan minkejja li l-espert tekniku prova anke jhaddem il-

'computer' b' 'safe mode'. Minkejja li ghamel diversi tentattivi izda kien kollu ghal xejn minhabba li kull darba l-'computer' kien qieghed 'jirributja'. Ghalhekk jidher li l-aktar soluzzjoni prattika hija li wiehed jikkopja l-informazzjoni necessarja u ssir 'installation' gdid fuq il-'computer'.

9. izda mis-CD's li gew mghotija lill-espert tekniku u minghajr 'Certificate of Authenticity' din is-soluzzjoni m'hijiex possibbli minhabba li wiehed ikollu bzonn kopja originali tal-'Windows' flimkien ma' 'Certificate of Authenticity'. Minhabba illi l-'computer' ma kienx qieghed jibbutja ma setax isiru verifiki ohra dwar il-hsara fuq il-'computer' konsistenti f 'virus' jew/u 'spyware'. Ghalkemm l-espert tekniku seta’ jaqla' l-'Hard Drive' u jezaminha, fil-kawza de quo din ma' tkunx ekonomikament vjabbli.

10. illi huwa risaput li jekk wiehed ma jkollux kopja originali ta' 'operating system' tal-'Windows' hemm possibilta' li jkun hemm komplikazzjonijiet fis-sistema, izda dan dejjem jiddependi fuq il-kopja in kwistjoni. Jekk wiehed ma jkollux kopja originali, bil-'product key' tieghu, certi 'upgrades' minn fuq l-'internet' ma jisghux isiru.

11. illi mill-'invoice' mghotija lir-rikorrenti jirrizulta illi dan il-'computer' imbiegh fil-15 ta' Mejju, 2008 u kellu nstallat ukoll 'Anti Virus' u 'Anti Worm'. Mill-'invoice' bin-numru 677 jirrizulta li l-'formatting' sar fil-31 ta' Mejju, 2008. La darba wiehed jassumi li l-'computer' inbiegh bl-'updates' ta' 'anti virus' u 'anti worm', u li ghaddew biss sittax il-gurnata minn meta sar il-'formatting', mhux possibbli li l-'computer' ikun skopert ghal 'virus'. Fl-istess hin irid jinghad illi dan m'huwiex impossibbli. Jekk fil-fatt hemm 'virus' u 'spyware' iehor fil-'computer' jista' jigi determinat biss minn ezami tal-'Hard Ware'.

**Ghal dawn il-motivi:**

> It-Tribunal, wara li kkonsidra hawn fuq, u wara li ra d-diversi nuqqasijiet kif spjegati lilu mill-espert tekniku, jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte u jordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' tmien mija, tnejn u sittin ewro (€862), bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess intimat, liema spejjez ghandhom ukoll jinkludu l-ispejjez tal-espert tekniku, b'dan illi l-'computer' isir propjeta' ta’ l-intimat wara li jkun sar il-hlas.**”**

Id-ditta intimata, sokkombenti fil-gudizzju tat-Tribunal, appellat lil din il-Qorti b’dawn l-ilmenti:-

1. Il-kawza hija nulla u bla effett stante li hi mhix persuna guridika u, se mai, kellu jitharrek Martin Sultana ezercenti l-kummerc taht isem id-ditta jew S.J.M. Computers Ltd bhala s-socjeta` gestitrici tan-negozju;

2. Trattasi ta’ azzjoni redibitorja, l-oggett mertu tal-vertenza kellu jigi depozitat u dan, fil-kaz prezenti, ma sarx hekk;

3. Il-kompjuter vendut kien skond l-i*specifications* appattwiti. Dan riferibilment ghas-*software* installat;

4. It-Tribunal mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali u dan ghal raguni illi ma accertax ruhu li kopja tar-rapport ta’ l-espert nominat tinghatalha ghall-ezami opportun minnha;

L-ewwel motiv ta’ aggravju ma joffri ebda diffikolta. Sew mir-risposta taghha kif ukoll mill-atti l-ohra tal-kaz ma jirrizulta minn imkien illi d-ditta appellanti qatt issollevat permezz ta’ xi eccezzjoni formali jew tramite xi sottomissjoni ohra illi hi ma kienetx giet citata kif kellu jkun mir-rikorrenti appellati f’dik l-istanza. In effetti l-Qorti ma tistax ma tinnotax illi t-Tribunal minn imkien ma statwixxa fuq il-punt issa mqanqal f’dan l-appell. Ankorke, imbaghad, kellha din il-Qorti tikkonsidra r-relattiva

eccezzjoni sottoposta b'aggravju, xorta wahda ma jidherx illi n-nullita` invokata ghall-ksur tal-prinicpju tal-kontradittorju tista' tigi intrattenuta. Dan ghal raguni illi l-appellanti mhux biss ma ressqet ebda prova dokumentali ta' l-inezistenza tar-rapport guridiku processwali ghal dak il-motiv minnha issa rilevat, izda, ukoll, ghaliex mill-atti u mill-elementi probatorji gja akkwiziti fil-gudizzju l-irregolarita` opposta tal-kontradittorju ma tirrizultax u ma tissusisstix u l-ewwel aggravju qieghed ghaldaqstant jigi respint;

Fuq it-tieni u t-tielet ilmenti, flimkien konsiderati, jibda biex jinghad illi d-ditta appellanti qed tassumi zbaljatament illi l-azzjoni hi wahda redibitorja jew estimatorja. Hu pacifiku illi fejn l-oggett mixtri ma jkunx konformi ghall-ftehim il-vizzju redibitorju u t-teorija relattiva ma jiccentraw xejn in kwantu l-kaz jiprospetta ruhu bhala wiehed ta' inadempjenza tal-kuntratt, u dan m'ghandu xejn x'jaqsam mal-garanzija tal-vizzju redibitorju. Ara "**Lorenzo Buttigieg -vs- Henry Hirst *nomine***", Appell Civili, 16 ta' Frar, 1945 u "**Direttur ta' l-Agrikoltura u Sajd -vs- Henry Attard *et nomine***", Appell, 21 ta' April, 1997;

Fil-fattispeci, almenu minn dak li jinzel mill-perizja ta' l-espert tekniku, il-qaghda kienet tintegra ruhha bhala wahda ta' non-konformita ma' l-i*specifications*. Mhux dan biss. Gie accertat ukoll illi s-sistema installata fil-kompjuter ma kienetx objettivament konformi ghall-prodott gdid vendut u wisq anqas ghall-ispettanzi tax-xerrej. Kif inhu pacifikament maghruf hu dejjem sotto'intiz fil-kaz ta' bejgh ta' prodott gdid illi dan, ghal dak li hu l-funzjonament tajjeb tieghu, ghandu jkun adatt u idoneju ghall-karatteristici li ghalih hu ddestinat, u wkoll li jipperdura, almenu ghal certu zmien ragonevoli. Gja din il-Qorti kif presjeduta kienet ikkummentat f'kaz li kien jitratta, dwar bejgh ta' "computer programme" illi "meta, bhal f'dan il-kaz, jinstab li l-opra hi deficjenti fil-funzjonalita` taghha u dik id-deficjenza tkun sew u tempestivament iddenunzjata, it-tutela li l-ligi takkorda lill-kommittent (jew lix-xerrej) trid tinkwadra ruhha fl-ambitu generali tar-responsabilita`

kontrattwali ghall-inadempiment" ("**Martin Degabriele *nomine* -vs- Frank Psaila**", 12 ta' April, 2007). *Multo magis,* dan huwa rigorozament hekk taht il-ligi specjali dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kapitolu 378), konsiderat illi r-*ratio* ta' l-Att hu dak li jhares preponderantement l-interessi tal-konsumatur-xerrej u li jikkommina sanzjonijiet fuq il-komportament tal-kummercjant-venditur;

Fil-kaz prezenti d-denuncja mill-appellati saret tempestivament (fl-istess xahar ta' Mejju 2008 li fih inxtara l-kompjuter) u r-rizultanzi peritali kkonfortaw l-assunt taghhom ta' dik l-istess denuncja ta' l-inadempiment fl-appellanti ghar-ragunijiet premessi fis-sentenza appellata. In kwantu tali, dan kien jiggustifika l-azzjoni taghhom ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt. Fic-cirkostanzi t-tieni u t-tielet aggravji qeghdin jigu rigettati in kwantu insostenibbli;

Fir-rigward tar-raba' aggravju huwa bil-wisq evidenti mill-atti illi l-lanjanza tal-lezjoni ta' smigh xieraq hi kompletament u ghal kollox fiergha. Jinzel mill-verbal tat-2 ta' Gunju 2009 quddiem it-Tribunal illi meta ssejhet il-kawza dehru Martin Sultana assitit mill-Avukat tieghu u "*seduta stante*" inghataw kopja tar-rapport tekniku. Il-kawza giet imbaghad differita ghat-3 ta' Settembru 2009 ghall-provi kollha tal-partijiet u ghat-trattazzjoni finali. Gara li fid-data ghal meta kienet hekk imhollija l-kawza la dehru l-imsemmi rapprezentant u l-anqas l-konsulent legali tieghu (ara verbal korrispondenti tat-3 ta' Settembru, 2009);

Huwa distingwibilment car minn dawn l-atti illi l-appellanti ma jistax, u, fil-verita`, m'ghandux minn xhiex jilmenta illi hu gie priv milli jressaq id-deduzzjonijiet tieghu bi kritika ghar-rapport peritali. Jekk huwa naqas milli hekk jaghmel u li juzufruwixxi ruhu mill-opportunita` lilu moghtija, u fiz-zmien lilu koncess, *imputet sibi* imma ma jistax jippretendi li jista'; jirrinfaccja lit-Tribunal bil-vjolazzjoni tal-principju, ghax jekk hu minnu li dan huwa sagru daqstant iehor hu validament qawwi fil-konfront tieghu l-principju l-iehor *qui*

*culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire*. Ara “**Joseph Debono *et* -vs- Dottoressa Irene Condachi**”, Appell Civili, 27 ta’ Gunju, 1955.

Ghal motivi kollha surreferiti l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------